# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 25**

**Rikors numru 621/2021/1 MH**

**Nicholas Gatt**

**v.**

**Onor Ministru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u b'digriet tat-8 ta' Novembru 2021 ġie sostitwit bis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Governanza; Onor. Ministru tas-Saħħa u bl-istess digriet ġie sostitwit bis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa; L-Avukat tal-Istat; Suprintendent tas-Saħħa Pubbliku**

**Il-Qorti:**

1. Il-konvenuti; Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa u l-Avukat tal-Istat appellaw mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-3 ta'

Marzu 2023 li ddikjarat li l-Art. 44A tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465) u l-inklużjoni fl-Iskeda tal-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja (Kap. 291) jilledu l-jedd fundamentali protett taħt l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Għalhekk iddikjarat li l-proċeduri li ttieħdu kontra r-rikorrent bl-avviż ta' kontravenzjoni tal-10 ta' Marzu 2021 m'għandhomx effett għall-finijiet kollha tal-liġi.

2. L-Ewwel Qorti spjegat il-fatti u għamlet referenza għall-provi:

*"1. Il-Kaz*

*Illi r-rikorrenti ressaq lanjanzi ta' natura Kostituzzjonali n kwantu jallega li qed jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu bil-multa ta' għaxar t'elef Ewro inflitta fuqu talli naqqas li josserva ordnijiet inflitti mis-Supretindent tas-Saħħa Pubblika ta'iżolament personali waqt iż-żmien tal-pandemija. Huwa ma ħallas l-imsemmija multa imma għadda biex jikkontesta l-istess quddiem it-Tribunal ta' Nofs In-Nhar li caħad l-eċċezzjoni ta' natura preliminari mressqa mir-rikorrenti li kienu qed jiġu lezi d-dritijiet fundamentali tiegħu ai terminu ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.*

*Illi eventwalment, għaliex il-Kummissarju tal-Ġustizzzja baqgħet tisma il-kawza wara li ddeċidiet l-eċċezzjoni msemmija, l-istess ġie infurmata mir-rikorrenti odjern li kieneu ġew intavolati dawn il-proċeduri dеżżmina. B'digriet tat-Tribunal[1] ġiet sospiża il-prolazzjoni tas-sentenza pendentil-eżitu ta' dawn il-proċeduri.*

*2. Il-Provi Prodotti.*

*Ir-rikorrent preżenta affidavit[2] fejn huwa qal li kien ingħata Avviż ta' Kontravenzjoni maħruġ mill-Environmental Health Directorate talli naqas milli josserva b'mod strett ordni tal-iżolament personali kif meħtieġ mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u kien infurmat li n-nuqqas kien iġorr miegħu multa ta' għaxart elef euro. Infurmawh ukoll li seta' jew iħallas il-multa jew jappella mill-istess multa. Hu ma ħalalshiex għax iddeċieda li jappella.*

*Xi żmien wara huwa rċieva xi taħrika li biha kien ordnat jidher quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja fit-Tribunal Lokali. Huwa deher fid-data*

[1] Folio 124
[2] Folio 66

*indikata flimkien mal-avukat tiegħu li qajjem numru ta' eċċezzjonijiet preliminari fosthom li tali multa ma tistax titqies a petty offence u għalhekk l-akkuża tammonta għal waħda ta' reat kriminali u għalhekk għandha tinstema' quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja. Is-smigħ kien differit iżda f'din id-data sabu ruħhom quddiem Kummissarju ieħor. Dan il-Kummissarju kkonferma li ser jisma' l-każ hu u li ma kienx ser jagħti deċiżjoni preliminari iżda li kien ser jisma' l-merti u jagħti sentenza waħda li tkopri kollox. Il-każ kien differit u r-rikorrent reġa' sab ruħu quddiem il-Kummissarju li kien deher quddiemu l-ewwel darba. Il-Kummissarju qrat id-deċiżjoni preliminari tagħha fis-16 ta' Settembru 2021. Il-Kummissarju ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari a skorta tar-ragunament lit-Tribunal kien qed jimxi skont liġi li għaddiet mill-Parlament. Minn hemm it-Tribunal għadda biex jisma x-xhieda u l-provi prodotti.*

*B'hekk ir-rikorenti huwa tal-ħsieb li qed jinkissru d-drittijiet kostituzzjonali tiegħu u kien għalhekk li ntavola ir-rikors in deżami.*

*Huwa talab li s-smigħ quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja fit-Tribunal Nofsinhar jiġi sospiż.*[3] *Fil-fatt it-Tribunal laqa' l-istess talba pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.*

*Igħid li ġie infurmat li akkużi bħal tiegħu kienu ġew annullati mill-Qorti tal-Maġistrati għaliex irriżulta li l-Aġenzija għas-sistema ta' Infurzar Lokali u t-Tribunali lokali mhumiex awtorizzati bil-liġi li jinfurzawhom (Qorti tal-Maġistrati 20 ta' Jannar 2022).*

*ii-Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2022 Dr. Caruana Debrincat informa lill-Qorti li l-proċeduri quddiem it-Tribunal Nofsinhar għadhom pendenti.*[4] *Dr Borg – għall-Avukat tal-Istat – ippreżenta affidavit seduta stante. Dan huwa tal-Profs Charmaine Gauci*[5]*.*

*iii-Il-Professur Charmaine Gauci preżentement Supretendent tas-Saħħa Pubblika, qalet li kellha rwol konsultattiv fl-Att X tal-2020 li introduċa l-artikolu 44A fl-Att Dwar is-Saħħa Pubblika, Kap 465. Żdiedu ukoll ir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-iżolament personali ta' persuni li għandhom dijanjosi misjuba fl-Iskeda tal-Kap 291. Żiedet li dawn il-liġijiet u emendi kienu saru minn żewġ ministri u li għalhekk hija ma setgħetx twieġeb għal azzjoni dwar il-validita' ta' Liġijiet jew il-validita' ta' proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja. Tgħid li l-għan ta' dawn il-Liġijiet huwa sabiex nies li ġew infettati bil-COVID-19 ma jkomplux ixerrdu l-virus. L-iżolament tan-nies infettati huwa fondamentali sabiex il-pandemija tiġi kkontrollata u dana dejjem skont il-linji gwida maħruġin mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard".*

[3] Digriet a Fol 124.
[4] Fol 223
[5] Folio 224

3. B'rikors preżentat fid-29 ta' Settembru 2021 l-attur talab lill-Qorti sabiex:

> 1. *"Tiddikjara u Tikkonferma illi l-artiklu 44A tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-inklużjoni fl-iSkeda ta' Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
>
> 2. *Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-istess artiklu 44A tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-inklużjoni fl-iSkeda ta' Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta huma nulli u bla effett għall-finijiet kollha tal-Liġi u dan skont l-artiklu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
>
> 3. *Tiddikjara illi l-proċeduri legali istitwiti kontra r-Rikorrent quddiem it-Tribunal Lokali Nofsinhar u t-tkomplija ta' l-istess proċeduri qed jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent taħt l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
>
> 4. *Tiddeċiedi u Tiddikjara illi l-proċeduri mibdija kontra r-Rikorrent permezz tal-Avviż ta' Kontravvenzjoni tal-10 ta' Marzu 2021 huma nulli u/jew m'għandhomx effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*
>
> 5. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet l-artiklu 44A tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-inklużjoni fl-iSkeda ta' Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> 6. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jħallas l-istess kumpens u danni likwidati."*

4. Il-konvenuti wieġbu fit-8 ta' Novembru 2021 u inter *alia alia* qalu:

> *"3.Illi in linea preliminari u fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi l-azzjoni ġudizzjarja. hekk kif imposta tant hija neboluża illi hija improponobbli. Dan għaliex it-talbiet tar-rikorrent ma jistgħu qatt jintlaqgħu kollha kemm huma peress li huma* ***azzjonijiet ġudizzjarji ta' natura differenti****. Illi fil-waqt li n-natura tal-kawża hija inter partes, it-tieni talba tikkostitwixxi talba li jista' jkollha effett erga omnes. Illi in linea mal-prinċipju electa una via non datur recursus ad alteram,din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara l-azzjoni odjerna bħala waħda monka, u konsegwentement l-azzjoni kif dedotta hija nulla u bla effett;*
>
> *4.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, preliminarjament u fir-raba' lok, l-esponenti jeċċepixxu li din l-azzjoni hija waħda* ***intempestiva***

***stante illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedju ordinarju** li tagħtih il-liġi. Illi l-prinċipji li jirregolaw il-materja tat-twettiq ta` rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta. Fihom insibu speċifikat li l-qorti b`kompetenza kostituzzjonali għandha tirrifjuta milli tinqeda b`dawn is-setgħat speċjali mogħtija lilha mil-liġi, jekk kemm-il darba hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta` rimedju taħt il-liġi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrent. Illi l-proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja għadhom għaddejin, l-eżitu ta' liem jista' jiġi appellat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, liema qorti terġa tisma' l-kawża <u>anke fil-mertu</u>. Għaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, u dan ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta` Malta stante l-eżistenza ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;*

*5.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kollha stante li huma **infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt**, kif ser jigi muri fil-mori tal-kawża, u dan għar-raġunijiet segwenti mingħajr preġudizzju għall-xulxin;*

*.............*

*7.Illi fil-kuntest tal-jedd għal-smigħ xieraq, kif stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, biex tinsab leżjoni ta' dan id-dritt kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità kollu tiegħu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq imqanqal mir-rikorrent jista' jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess tiegħu jiġi magħluq;*

*8.Illi l-Att dwar il-Kummissarju għall-Ġustizzja jistipula illi l-ħlas ta penali jsir biss wara li persuna tkun ħatja ta' reat u konsegwentement il-penali tkun biss eżekuttiva meta l-proċeduri ġudizzarji jkunu eżawriti;*

*9.Illi b'referenza lejn it-tieni talba u mingħajr preġudizzju għas-suespost, azzjoni sabiex liġi tiġi dikjarata nulla u bla effett ma ssirx ai termini tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni. Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad t-tieni talba tar-rikorrent;*

*10.Illi b'referenza lejn il-ħames u s-sitt talba, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ssib xi ksur, il-kawża odjerna ma timmerita l-għotja ta' ebda kumpens. Dan anke tenut kont illi l-proċeduri kontra r-rikorrenti inbdew stante l-aġir tar-rikorrent, liema agir huwa unikament u esklussivament imputabbli lilu, bi ksur tal-liġijiet tas-saħħa pubblika, speċifikament ksur tal-kwarantina waqt li hu kien pożittiv għall-COVID-19".*

5. Bis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet:

*"1. Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara illi l-artikolu 44A tal-Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta u l-inklużjoni fl-Iskeda tal-Kap 291 tal-Liġijiet ta'Malta tar-regolament sa fejn jolqot biss lir-rikorrenti fil-kaz in deżamina (L.S 465.29) huma inkompatibbli u nkonsistenti mad-dispost tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*2.Konsegwentement tilqa t-tielet talba u tiddikjara illi l-proċeduri legali isititwiti kontra r-rikorrenti quddiem it-Tribunal Lokali Nofs in-Nhar u t-tkomplija ta' l-istess proċeduri qed jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*3 Tilqa r-raba' talba u tiddikjara lil proċeduri mibdija kontra ir-rikorrenti permezz tal-Avviż ta' Kontravenzjoni tal-10 ta' Marzu, 2021 huma nulli u/jew m'għandhomx effett għal finijiet kollha tal-liġi.*

*Konsegwetement*

*4.Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati għar-ragunijiet ġia dedotti.*

*5.Tilqa t-tieni eċċezzjoni u tillibera lis-Supretindent tas-Saħħa Pubblika mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju.*

*6.Tilqa n parte it-tielet eċċezzjoni BISS fejn jirrgwarda t-talbiet erga omnes u tiċħadha fil-kumplament b'dan għalhekk li qed tiġi miċħuda t-tieni talba tar-rikorrenti.*

*7.Tiċħad is-sitt talba n kwantu tqies illi id-dikjarzzjonijiet hawn magħmula huma just satisfaction biżżejjed u m'hemmx bżonn li jiġi akkordat xi kumpens ulterjuri.*

*In vista tal-mod kif ġew redatti ċertu talbiet tar-rikorrenti l-Qorti hija tal-fehma li kull parti għandha tbagħti l-ispejjez tagħha"*.

6. Fit-22 ta' Marzu 2023 il-konvenuti, mhux inkluż is-Suprintendent tas-Saħħa li ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, appellaw filwaqt li t-tweġiba tal-attur ġiet sfilzata għaliex preżentata wara ż-żmien (ara digriet mogħti fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023). Fl-appell intalab li din il-Qorti

i. Tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li laqgħet l-ewwel, it-tielet u raba' talbiet u tiċħad l-istess;

ii. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata li lliberat lis-Suprintendent tas-Saħħa mill-osservanza tal-ġudizzju u ċaħdet is-sitt talba.

Konsiderazzjoni.

7. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti jilmentaw li l-kawża li fetaħ l-attur fiha żewġ kawżi f'waħda. Kawża li biha jilmenta minn ksur tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u fl-istess ħin *actio popolaris* sabiex tiġi annullata liġi taħt l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni.

8. Bit-tieni eċċezzjoni l-konvenuti qalu li l-kawża li fetaħ l-attur *"3.... tant hija neboluża illi hija improponibbli"*. L-Ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"L-intimati jsostnu li minħabba l-mod kif ġew redatti t-talbiet, ir-rikorrenti għamel talbiet in parte b'effetti inter partes u oħrajn mressqa taħt l-actio popolaris li huma ta' effett erga omnes, li minħabba f'hekk hu qed jiġi preġudikat fid-difiza tiegħu ukoll li dan it-taħlit ta' azzjonijiet iġib in-nullita' u mhux legalment sostenibbli.***
>
> *Huma jsostnu dan bil-massima selecta una via non datum recrusus ad alteram. Jirreferu għal diversi sentenzi dwar dan il-punt fosthom* ***Burmarrad Commercials Limited vs Michael Bugeja, Maurine Fabri et vs Global Capital Financial Management Limited, HSBC Bank Malta pla vs Rita Caligari et, Capua Palace Limited vs Boris Arcidiacono, Joseph Cachia nomine vs Paul Zammit et nomine, u H.Vassallo and Sons Limited vs Avukat Ġenerali****. Fuq skorta ta' din il-ġurisprudenza l -intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jsostnu li r-rikorrent qiegħed jipproponi żewġ azzjonijiet differenti – Azzjoni ta' natura Kostituzzjonali msejjsa fuq l-artikolu 39 taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni permezz tat-tielet u r-raba' talba; u (ii) actio popularis sabiex jannulla liġi taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, skont ir-rikorrent taħt l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, permezz tal-ewwel u tat-tieni talba.*
> *Oltre jsostni lit-talbiet kif proposti tant huma nebuluzi li għandha tiġi dikjarata n-nullita' tal-atti kif maħsuba ai termini ta' l-artikolu 798(1) tal-Kap 12, dan fuq il-pretest li huma qua intimati ssib diffikulta'biex jifhem il-bazi legali tal-azzjoni proposta u jirrezistu għal istess.*
>
> *Ikkkunsidrat*
>
> *Għalkemm il-Qorti ma tirravisax l-estremi ta' nullita' li jsostnu l-intimati, ma tistax ma tikkumentax għal fatt lit-talbiet tar-rikorrenti ma huma xejn feliċi.*

*Fil-fatt tifhem id-diffikulta' li seta' sabu l-intimati li pero ma rrekat ebda preġudizzju lilhom għaliex ressqu difiża abbli u ssottomettew b'mod ċar u akkademikment sod. Pero fin in fondo dak li qed jitlob ir-rikorrenti, u l-Qorti f'talbiet ta' natura Kostituzzjonali u Konvenzjonali tagħzel minħabba l-istess natura ta' l-azzjoni li tieħu triq ta' anqas rigidita' proċedurali, hu lil Qorti teżamina jekk il-liġijiet prinċipali u sussidjarji applikabbli għal kaz tiegħu jwasslux għal ksur lamentat. Jibqa' l-fatt li jekk dan hu fil-posittiv kull dikjarazzjoni li se tgħadddi biex tagħmel il-Qorti se tolqot biss u unikament lir-rikorrenti, għaliex kull ksur stabbilit jkun biss fir-rigward tal-proċeduri u multi li jmissu lilu,* ***allura inter partes*** *u huwa biss f'dak ir-rigward lil Qorti se tgħaddi biex tippronunzja ruħha. Sic et simplicitur. Qatt ma hi se tilqa ebda talba fil-generalita' tagħha fejn trid tħassir ta' liġi ħlief fil-konfront ta' dak li jolqot lir-rikorrenti, għalkemm taqbel mal-intimati li kif proposti t-talbiet mir-rikorrenti jafu jikreaw ċerta konfuzzjoni u li tant induna bl-istess ir-rikorrenti, li kien ferm skarz jekk mhux għal kollox monk fl-indirizz tiegħu ta' din l-eċċezzjoni in kwantu dak mitlub taħt l-actio popolaris.*

*F'dan ir-rigward il-Qorti inevitabilment tagħmel referenza għal preċett ta' l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni tagħna u limitazzjoni li hemm imposta għal dak li jista' jkun suggett ta' l-actio popolaris dan meta tqies lir-rikorrenti qiegħed jistrieħ fuq allegat ksur ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u li fil-verita hu fuq hekk li jsejjes il-kawza tiegħu. Tagħmel ukoll referenza għal dak li ġie deċiż fir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet* ***Arnold Cassola vs Avukat ta' l-Istat****.*[6]

*Oltre dan il-generalita' ta' l-ewwel t-talba twassal il-Qorti għal mistoqsija ovvja u doveruza, għaliex ir-rikorrenti għandu jattakka ir-regolamenti* ***kollha*** *inkluzi fl-iskeda tal-Kap 291. Inevitabilment il-Qorti ssaqsi għala r-rikorrenti jrid li jħassar u jikseb dikjarazzjoni ta' nullita' ta' dak kollu inkluz fl-iskeda tal-Kap 291?. Ir-risposta ovvja hija fin-negattiv. U ma nġabu ebda provi biex immeru dan. Tifhem li hu jrid li jattakka r-regolamenti li jolqtu l-multa inflitta fuqu, u hawn għandu dak l-interess ġuridiku meħtieg, pero huwa monk f'dan fil-kumplament. It-talba attriċi, anke jekk fi kliem l-intimati piutost nebulusa, trid bilfors tiġi eżaminata fil-margni u limitu ta' l-interess tar-rikorrenti. Ċar li hu qed jiggieled il-multa inflitta u l-proċeduri mressqa fil-kuntest tal-istess. Ma wera ebda interess ieħor fl-andament tal-kawza biex jsostni mod ieħor. Għalkemm ma jispettax il-Qorti toqgħod tifli x'jrid r-rikorrenti għax kellu jkun ċar fil-premessi u t-talbiet tiegħu, huwa minn dan il-lat lil Qorti se tgħaddi biex teżamina t-talba u dan a skans ta' spejjez żejda u proċeduri ġudizzjarji ripetuti. Pero terġa tgħid u twiddeb għal mod għal kollox infeliċi li ġew redatti t-talbiet tar-rikorrenti u dan se jirrifletti fl-adebittu ta' l-ispejjez aktar tard.*

***Konsegwentement tqies lit-tieni talba tar-rikorrenti hija nsostenibbli u in kwantu BISS għal dik il-parti tat-tielet eċċċezzjoni ta' l-intimati li tolqot dan hija tajba u qed tiġi milqugħa.***

[6] Deċiża 11/01/2022 rikors 329/2021.

9. Il-Qorti ma taqbel xejn mar-raġunament tal-appellanti u anzi tqis li l-aggravju hu fieragħ.

10. Minn qari tar-rikors promotur hu evidenti li l-azzjoni tal-attur hi bażata fuq il-premessa li hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għaliex il-proċeduri li ttieħdu kontrih m'humiex quddiem Qorti. L-attur qiegħed jilmenta mill-Artikolu 44A tal-Kap. 465 għaliex il-persuna akkużata li kisret ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa, tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għal Ġustizzja (Kap. 291). L-ordnijiet tas-Suprintendent li huma soġġetti għal dak it-tip ta' proċess huma dawk inklużi fl-Iskeda tal-Kap. 291, *inter alia* l-ordni ta' iżolament personali ta' persuna li għandha dijanjosi.

11. Fil-fehma ta' din il-Qorti t-tieni talba kienet biss konsegwenzjali għall-ewwel talba. Hu ovvju li jekk il-Qorti tilqa' l-ewwel talba, il-konsegwenza hi li d-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi ordinarja in kwantu jolqtu l-attur, m'għandhom l-ebda effett (artikolu 6 tal-Kostituzzjoni). Il-fatt li t-talba saret b'mod ġenerali, ma jfissirx li b'daqshekk l-attur ippropona l-*actio popolaris*. Hu magħruf li; *il piu' comprende il meno*. Mill-permessi tar-rikors promotur hu evidenti li l-kawża in eżami m'għandha x'taqsam xejn mal-*actio popolaris*, għaliex l-ilment tal-attur hu dwar l-inkonsistenza tal-liġi mal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Dritt ta' azzjoni taħt l-art.116

tal-Kostituzzjoni sabiex jiġi dikjarat li liġi hi invalida, ma tinkludix ir-raġuni li hi inkonsistenti mal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni.

12. F'kull każ, bis-sentenza li tat l-Ewwel Qorti m'għadx hemm kwistjoni fuq hekk għaliex l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tieni talba u m'hemmx appell dwarha. Jekk kien hemm xi nuqqas fir-rikors promotur, nuqqas li fil-fehma ta' din il-Qorti ma kienx hemm, ġie rimedjat meta l-Ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"6. Tilqa' in parte t-tielet eċċezzjoni BISS fejn jirrigwarda t-talbiet erga omnes u tiċħadha fil-kumplament b'dan għalhekk li qed tiġi miċħuda t-tieni talba tar-rikorrenti".*

13. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

14. <u>Bit-tieni aggravju</u> l-konvenuti jilmentaw li l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi li l-attur kellu rimedji ordinarji li naqas milli jeżawrixxi. Isostnu li kien hemm kull possibbiltà li fil-proċeduri quddiem it-Tribunali Lokali, li kienu għadhom pendenti, l-attur jiġi liberat. F'dan ir-rigward għamlu referenza għal dik il-parti tal-affidavit tal-attur fejn qal li kien ġie infurmat illi akkużi bħal tiegħu kienu tħassru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Żiedu li l-każ tal-attur għad irid jinstema' quddiem it-Tribunal Lokali u f'każ li jinqata' kontrih, għandu dritt jappella quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk kellu u għad għandu rimedju xieraq u effettiv sabiex jindirizza l-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali.

15. L-Ewwel Qorti wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza, qalet hekk:

> *"Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tissottolinea li l-lanjanzi tar-rikorrent jirrigwardaw l-applikazzjoni per se tal-liġijiet in eżami fil-konfront tiegħu u kif dawn jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jirriżultax għalhekk li hemm xi rimedju ordinarju li jista' jkopri tali lanjanzi stante li Qrati ordinarji, Bordijiet u Tribunali ma għandhomx il-kompetenza li jindagaw dawn l-aspetti tal-liġi.*
>
> *v. l-intimat jilmenta ukoll illi r-rikorrenti kellu jittanta dawn il-proċeduri wara li jkunu spiċċaw u ġew konklussi l-proċeduri kollha a disposizzjoni tiegħu mill-lat ordinarju, dan għaliex l-eżami ta' l-artikou 39 tal-Kostituzzjoni għandu jkun wieħed ħollistiku u jieħu in konsiderazzjoni l-proċeduri kollha fit-totalia' tagħhom, għalhekk li jiġi eżaminat il-proċess fl-assjem kollu tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx ma din il-posizzjoni. Ir-rikorrenti qed jiggieled il-ksur Kostituzzjonali lil proċeduri jistgħu jirrekawlu. Qajla jagħmel sens li jħalli dan l-allegat ksur jippersisti imbagħad jfittex rimedju. Dan jingħad ukoll fl-isfond tal-fatt li l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jitkellem mhux biss fuq ksur ta' dritt fundamentali li ġia seħħ' imma ukoll fuq li "...tkun se tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha." Għalhekk hija l-kelma tal-Kostituzzjoni stess li tippermetti t-tfittxija ta' rimedju ta' ksur maħsub u pprospettat li fil-fatt għadu ma okkorrix. Jingħad ukoll li huwa dan il-ħsieb li jixpruna mizuri interim biex jwaqqfu provisorjament il-ksur propettat. Konsegwentement ma ssibx lir-rikorrenti agixxa b'mod intempestiv meta ressaq dawn il-proċeduri.*
>
> ***Konsegwentement ir-raba' eċċezzjoni ser tiġi miċħuda"***.

16. Din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunament tal-Ewwel Qorti. L-attur qiegħed jilmenta li disposizzjonijiet ta' liġijiet ordinarji jilledu l-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett taħt Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni. Ilment li jista' jitressaq u jiġi deċiż biss f'kawża ta' din ix-xorta. Il-fatt li l-proċeduri quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja għadhom pendenti u jekk jitkomplew jista' jiġi liberat, hu rrilevanti. L-Ewwel Qorti għażlet li ma tilqax ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti u sabiex tisma' l-mertu u tiddeċiedi dwar l-istess. Fl-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni wiesa' ma wettqet l-ebda żball.

17. Għall-kompletezza din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet fis-sentenza li tat fl-appell Joseph Bartolo vs L-Onorevoli Prim Ministru et tat-2 ta' Diċembru 2003:

> *"Din il-Qorti ma tarax li tista' takkolji dana l-appell. L-appellanti donnhom jippretendu li ghax, skond huma, kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju, l-ewwel Qorti kienet b'xi mod "obbligata" li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali. Kif gie deciz diversi drabi minn din il-Qorti (ara, per ezempju,* ***Edward Zahra v. Awtorita` ta' l-Ippjanar****, 31 ta' Mejju, 1999) anke jekk il-Prim Awla tasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrent kellu tali mezzi a disposizzjoni tieghu u ma uzahomx, dik il-Qorti xorta wahda tista' tiddeciedi li tinvesti l-meritu mil-lat kostituzzjonali ossia ta' drittijiet fondamentali, u dan peress li l-proviso in kwistjoni jaghmilha cara li f'tali sitwazzjoni l-Prim Awla "…tista'…tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha…" u mhux "…ghandha…tirrifjuta…". Tali diskrezzjoni (diskrezzjoni riflessa fil-kliem "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel") ghandha s'intendi dejjem tigi ezercitata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn naha l-wahda il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u minn naha l-ohra c-cittadin (jew persuna guridika, skond il-kaz) ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319. Dan il-hsieb gie espress bl-aktar mod car mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru,1986 fil-kawza fl-ismijiet* ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** *(deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991), fejn intqal hekk:*
>
> ***Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha*** *(ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Mediterranean Film Studios Ltd v. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et*** *deciza fil-31 ta' Ottubru, 2003).*
>
> *Sakemm id-diskrezzjoni moghtija mill-legislatur lill-Prim Awla tigi ezercitata minn dik il-Qorti b'mod ragonevoli, din il-Qorti (cioe` l-Qorti Kostituzzjonali) m'ghandhiex tiddisturba il-konkluzzjoni milhuqa, li tkun effettivament l-ezitu ta' l-uzu "korrett" ta' dik id-diskrezzjoni. Fil-kaz in dizamina l-ewwel Qorti rriteniet li ghakemm kien hemm id-dritt ta' appell ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell, hija kienet tal-fehma li "…x'aktarx illi*

*appell taht il-ligi ordinarja u fil-parametri ta' dik il-ligi ma kienx jaghti rimedju bizzejjed lir-rikorrent." U dik il-Qorti kompliet hekk:*

***Ir-regola li trid li min jirrikorri ghar-rimedju straordinarju jkun qabel fittex ir-rimedji ordinarji kollha ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika; thalli lill-qorti diskrezzjoni biex tara jekk, fic-cirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun bizzejjed ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali, sabiex ma jsirx rikors ghar-rimedji straordinarji meta dawk ordinarji kienu jkunu bizzejjed. Ma hemm ebda htiega, izda, illi r-rikorrent ikun hela hin u spejjez fi proceduri li x'aktarx ma jaghtux rimedju tajjeb, u meta l-possibilita` li jinghata rimedju taht il-ligi ordinarja tkun wahda remota".***

18. Il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak spjegat tant tajjeb f'dik is-sentenza u m'għandha l-ebda dubju li l-ewwel qorti għamlet sew li kompliet tisma' l-kawża.

19. <u>It-tielet u r-raba' aggravju</u> huma dwar il-meritu tal-kawża. Il-konvenuti jilmentaw li:

i. "Għall-finijiet tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni jrid jitqies il-proċess kollu kemm hu. Il-kawża li fetaħ l-attur hi mgħaġġla meta tqis li mhux magħruf x'ser ikun l-eżitu tal-kawża li hemm pendenti quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja.

ii. L-artikolu 44A m'huwiex jaffetwa l-jedd għal smigħ xieraq tal-attur;

iii. F'każ ta' sejbien ta' ħtija dejjem hemm jedd ta' appell quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

iv. Il-Kostituzzjoni m'hijiex marbuta b'dak li jingħad f'Artikolu 3 u 4 tal-Kap. 12 dwar liema huma l-qrati;

v. It-Tribunal Lokali joffri garanziji ta' smigħ xieraq kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. L-attur ser jingħata l-opportunita' kollha li jipparteċipa bis-sħiħ f'dawn il-proċeduri bħal ma jkun jista' kieku l-każ tiegħu kien qiegħed jinstema' minn Qorti."

20. L-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi"*.

21. Dispożizzjoni simili kienet diġà tinsab fil-Kostituzzjoni ta' Malta tas-sena 1961 li kienet tipprovdi:

> *"(1) Jekk xi persuna tkun akkużata b'reat kriminali, f'dak il-każ, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa mil-liġi"*.

22. Il-Qorti tibda billi tosserva li Tribunal Lokali m'huwiex Qorti. Il-Qrati huma dawk li jisemmew f'Art. 3 u 4 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza <u>Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)</u> li tat fit-3 ta' Mejju 2016 (ara paragrafi 32 sa 35). Fl-art. 39 stess insibu distinzjoni bejn Qorti u *'awtorità ġudikanti oħra'* (art. 39(3)).

23. L-ilment tar-rikorrent hu li akkużat b'reat kriminali u għalhekk skont l-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni s-smigħ ta' każijiet bħal dawk għandu jsir quddiem Qorti indipendenti mwaqqfa b'liġi u mhux quddiem it-Tribunal Lokali. Għalhekk irid jiġi determinat jekk il-proċeduri li hemm pendenti quddiem it-Tribunal jikkonċernawx 'reat kriminali' li jissemma fl-Art. 39(1) tal-Kostituzzjoni.

24. L-Ewwel Qorti *inter alia* għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"7.Tenut kont ta' dawn ir-referenzi l-Qorti tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konstatazzjonijiet:*

- *Fl-ewwel lok hu permess għal kull pajjiż li jgħaddi legislazzjonijiet biex jirregola u jaħseb għal kull sfera tal-ħajja ta' kuljum ta' l-individwi u jipprovdi għal neċessitajiet li jinħolqu fl-anadment ta' l-amministrazzjoni ta' l-isess pajjiż, dan pero dejjem fl-isfera ta' dak meqjus li hu rispettuz tad-drittijiet funadamentali tal-bniedem.*
- *Tifhem li fl-urgenza li nqalgħet fi żmien tal-Covid 19 kien impellenti fuq l-Awtoritajiet Maltin li jraznu il-firxa u l-imxija ta' dan il-virus qattiel biex jissalvagwardaw is-saħħa ta' populazzjoni sħiha tenut kont tal-mixja mgħaġġla tal-istesss virus.* ***Frankament, u l-Qorti tħoss li hu doveruz fuqha li tgħaddi dan il-kumment li hu ta' mistħija li xi nies irrisponsabbli ħassew li kellhom dritt jipperikolaw lil terzi billi jinjoraw tali regolamenti****. L-imposizzjoni ta' multa amministrattiva maħsuba għal dan l-iskop ċioe' hekk intiża biex tirregola u żżomm l-imxija ta' dan il-virus, multa li mhux ta' natura kriminali mogħtija minn tribunal mogħni bil garanziji kollha biex jassigura smigh xieraq ma tilledi ebda dritt fundamentali u taqa' fl-isfera legislattiva doveruza fuq minn hu mogħbi bl-amministrazzjoni ta' pajjiżna.*
- *Bla dubbju l-multa maħsuba għal ksur tar-regolamenti in kontestazzjoni senjatament dawk taħt l-artikolu 44A tal-Kap 465 hija fil-masimu tagħha waħda sostanzjali u xejn negligibbli.*
- *Daqstant ieħor dawn il-multi huma intiżi biex jolqtu l-populazzjoni n generali, ċioe' kull min hu trasgressiv tar-regolamenti u liġijiet warajhom.*
- *Ukoll l-artikolu 44A(1) tal-Kap 465 ikkontestat jitkellem fuq* ***akkuza*** *ta' ksur ta' ordni, oltre hekk u marbut sfiq ma dan insibu lis-sub inċiż (2 ) ta' l-istess artikolu jittratta ta' "...persuna akkuzata b'reat kif provdut fis-subartikolu (1) ... persuna li mhijiex abitwalment residenti f'Malta...",; minn din id-diċitura hija l-fehma tal-Qorti lil liġi nnifisha ma tħalli ebda dubbju fir-rigward tan-natura ta' l-akkuzi hemm maħsuba. Il-liġi hija ċara, hawn titkellem fuq akkużi eminenti minn reati li jġorru magħhom multa ta' ammont ferm sostanzjali.*

***Illi magħmula dawn il-konstatazzjonijiet il-Qorti tasal għal konkluzjoni li nonostante kull nomenklatura li tista tiġi ndirizzata lejn il-multa maħsuba ai terminu ta' l-artikolu 44A tal-Kap 465 għal ksur tar-regolamenti relattati fl-iskeda tal-Kap 291, din hija waħda ta' natura kriminali, fis-sens mifhum ta' "charge" kriminali.***

*8 Il-konsegwenza ta' dan appena konkluss allura hi, illi minn hu adebittat b'tali akkuza li jwassalu għal tali multi punitivi kif analiżat, biex jiġi sodisfatt il-preċett ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tiegħu, jinħtieg li "jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*Mill-analiżi li sar fil-kaz in eżami huwa ċar li dan ma ġiex akkordat lir-rikorrenti".*

25. Matul is-snin is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem taw interpretazzjoni tal-kliem *"criminal charge"* taħt l-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Il-QEDB ma tinterpretax il-liġi nazzjonali, u hi stess tagħmel referenza għal, *"50.... the 'autonomy' of the notion of 'criminal' as conceived of under Article 6 ......."* (Ozturk v Germany, 21 ta' Frar, 1984). Imbagħad, fis-sentenza Janosevic v Sweden (23 ta' Lulju 2002) osservat, *"The Court reiterates that the concept of 'criminal charge' within the meaning of Article 6 is an autonomous one"*. Fil-fatt fis-sentenza Engel and others v Netherlands tat-8 ta' Ġunju 1976, il-Qorti wkoll osservat li, *"In the Neumeister judgment of 27 June 1968, the Court has already held that the word "charge" must be understood "within the meaning of the Convention" (Series A no. 8, p. 41, para. 18, as compared with the second sub-paragraph on p. 28 and the first sub-paragraph on p. 35; see also the Wemhoff judgment of 27 June 1968, Series A no. 7, pp. 26-27, para. 19, and the Ringeisen judgment of 16 July 1971, Series A no. 13, p. 45, para. 110)"*. B'dan il-mod il-QEDB tiggarantixxi l-protezzjoni uniformi tad-drittijiet fundamentali fl-Istati membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa.

26. Il-Qorti Kostituzzjonali wkoll fis-sentenza fuq imsemmija kif ukoll fis-sentenza Rosette Thake vs Kummissjoni Elettorali et tat-18 ta' Ottubru 2018, adottat dik tifsira awtonoma għall-kliem 'offiża kriminali' f'Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Li fihom applikat il-kriterji li ġew addottati fis-

sentenza Engel and Others v Netherlands[7] li l-QEDB tat fit-8 ta' Ġunju, 1976. L-istess għamlet fis-sentenza Falzon Group Holding Limited et vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et tat-12 ta' Lulju 2019.

27. L-għan wara l-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja (Kap. 291) kien sabiex, *"jipprovdi għat-twaqqif ta' sistema għad-dipenalizzazzjoni u għas-smigħ ta' każijiet żgħar"*. Fl-art. 3(2) jingħad:-

> *"(2) Kull għemil jew nuqqas ma għandux, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqies li hu att kriminali minkejja d-dispożizzjoni ta' dik il-liġi imniżżla fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, iżda minkejja dan kollu għandu jitqies li jikkostitwixxi reat li għalih Kummissarju jista', skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(2), jordna l-ħlas tal-penali hemmhekk speċifikata"*.

28. Skont l-Artikolu 44A tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465) il-massimu tal-piena li seta' jeħel l-attur kienet bejn €100 u €10,000 f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Però fl-Avviż Legali 98 tal-2020 (L-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Iżolament Personali ta' Persuni li Għandhom Dijanjosi – Leġislazzjoni Sussidjarja 465.29) maħruġ taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika u li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 2020, jingħad li l-persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dak ir-regolament, *"5...... tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' għaxart elef euro (€10,000) għal kull darba mill-okkażjonijiet li l-persuna tikser l-Ordni tal-2020 li jirrigwarda l-iżolament Personali li għandhom Dijanjożi*". Hu fatt li l-miżura kienet min-natura tagħha punittiva u fl-istess ħin intiża biex tkun

[7] Numru 5100/71; 5101/71; 5102/71; 5354/72 u 5370/72.

ta' deterrent, introdotta f'perjodu meta d-dinja, inkluż Malta, kienet għaddejja mill-burraxka tal-pandemija tal-COVID li ħalliet miljuni ta' nies vittmi u ġabet tant tbatija u għawġ fid-dinja.

29. L-Ewwel Qorti wkoll ibbażat is-sentenza appellata fuq il-kriterji tas-sentenza Engel. Din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra kull wieħed mit-tliet kriterji.

30. L-ewwel kriterju hu dwar il-klassifikazzjoni legali tal-infrazzjoni fil-liġi domestika. Il-leġislatur ma nkludiex l-infrazzjoni bħala reat kif imfisser fil-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), iżda inkludieh fil-liġi speċjali li taħseb għal dipenalizazzjoni. Il-leġislatur għażel penali amministrattiva minflok piena skont l-Art. 7 tal-Kodiċi Kriminali. Skont is-sistema legali Maltija l-infrazzjoni ma taqax fl-ambitu tal-liġi kriminali iżda tal-liġi speċjali, l-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja (kap. 291) fejn il-penali amministrattiva hi biss dejn ċivili. Evidenti li l-leġislatur ma riedx li l-infrazzjoni twassal għal ksur tal-liġi kriminali kif regolata mil-liġi ordinarja Maltija, ċjoè l-Kodiċi Kriminali (Kap. 9). F'dan ir-rigward ukoll f'sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Anthony Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et tal-21 ta' Lulju 1989, kienet qalet li l-infrazzjonijiet li ġew depenelizzati mil-leġislatur, *".... ma jistax jingħad li huma reati kriminali"*. Li kieku għal din l-infrazzjoni kienu japplikaw il-pieni kontemplati mill-Kodiċi Kriminali, li wara kollox hi l-liġi ordinarja li tirregola l-liġi kriminali, kien ifisser li min ma jħallasx il-multa jispiċċa l-ħabs.

31. <u>It-tieni kriterju hu dwar in-natura tal-offiża</u>. Hu fatt li jidher li din l-infrazzjoni kienet introdotta bħala deterrent u l-penali fiha nnifisha hi punittiva. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti dan m'huwiex biżżejjed biex jagħmel l-infrazzjoni *'reat kriminali'*, ukoll wara li tqis it-tielet kriterju. M'hemmx dubju li l-infrazzjoni kienet tolqot biss lil dawk in-nies li kienu ġew ordnati mis-Supretendent tas-Saħħa sabiex ikunu fi kwarantina minħabba li kellhom il-COVID, u għalhekk ma kinitx tolqot lil kulħadd. Miżura temporanja u meħtieġa f'sitwazzjoni ferm kritika, intiża sabiex tipproteġi kontra t-tixrid tal-pandemija tal-COVID. Ir-regolament stess kien jipprovdi li l-ordni saret bħala miżura li jissalvagwardja kontra u, jew jikkontrollaw il-marda infettiva COVID-19. Miżura li ma ġġorrx magħha l-pieni kontemplati għal reat skont il-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

32. <u>It-tielet kriterju li jittratta dwar is-severita' tal-penali.</u> Hu fatt li penali ta' €10,000 m'hijiex baxxa. Però jibqa' l-fatt li s-sanzjoni ma ġġorrx magħha priġunerija jew detenzjoni fl-eventwalità li ma titħallasx. Fis-sentenza ta' Engel, intqal:-

> *"In a society subscribing to the rule of law, there belong to the "criminal" sphere deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental……*
>
> *For its part, the penalty involving deprivation of liberty that in theory threatened Mr. Engel was of too short a duration to belong to the "criminal" law. He ran no risk, moreover, of having to undergo this penalty at the close of the proceedings instituted by him before the Supreme Military Court on 7 April 1971, since he had already served it from 20 to 22 March (paragraphs 34-36, 63 and 66 above).*

*On the other hand, the "charges" against Mr. de Wit, Mr. Dona and Mr. Schul did indeed come within the "criminal" sphere since their aim was the imposition of serious punishments involving deprivation of liberty (paragraph 64 above)”.*

33. Mela wkoll f’każ fejn hemm żmien ta’ priġunerija qasira, il-QEDB ħadet il-pożizzjoni li m’hemmx piena severa. F’dan ir-rigward il-Qorti tieħu wkoll spunt mis-sentenza tal-QEDB (Grand Chamber), <u>Gestur Jonsson and Ragnar Halldor Hall v Iceland</u> tat-22 ta’ Diċembru 2020 li kienet dwar proċeduri ta’ disprezz:

*94. In the instant case, the Court notes, in particular, that the kind of misconduct for which the applicants were held liable could not give rise to a sanction of imprisonment, in contrast to the previous contempt-of-court cases in which Article 6 was found to be applicable, notably on account of the nature and severity of the sanction at issue (see the judgments in Kyprianou, both cited above; and Zaicevs, cited above).*

*95. Moreover, the fines at issue could not be converted into deprivation of liberty in the event of non-payment, unlike in Ravnsborg and Putz (both cited above). In those two cases the existence of such a possibility, subject to certain fair-hearing guarantees (see paragraph 82 above), was an important consideration, even if not sufficient in those circumstances to attract the application of Article 6 under its criminal head. The Court also observes that in T. v. Austria (cited above) it was the punitive nature and the high amount of the penalty at stake, together with the possibility of converting it into a prison term without the guarantee of a hearing, that warranted considering the matter as “criminal”. However, no such possibility existed in the present case. In addition, in the applicants’ situation the fines were not entered on their criminal record (see paragraph 80 above)*

*96. Albeit high, the size of the fines imposed on the applicants and the absence of an upper statutory limit do not in the Court’s view suffice to deem the severity and nature of the sanction as “criminal” in the autonomous sense of Article 6 (see Müller-Hartburg, cited above, § 47, where the size of the potential fine – approximately EUR 36,000 – though having a punitive effect, was not so severe as to bring the matter within the “criminal” sphere; see, similarly, Ramos Nunes de Carvalho e Sá, cited above, §§ 25, 71, 126 and 217, where the maximum penalty was ninety day-fines and the fine imposed on the applicant was twenty day-fines, which allegedly corresponded to EUR 43,750; compare also with the*

> *scale of the fines at issue in Mamidakis v. Greece, no. 35533/04, § 21, 11 January 2007; Grande Stevens and Others v. Italy, nos. 18640/10 and 4 others, § 99, 4 March 2014; and Produkcija Plus Storitveno podjetje d.o.o. v. Slovenia, no. 47072/15, §§ 10 and 45, 23 October 2018, where the Court considered that the penalties applied were criminal in nature).".*

34. Il-QEDB ikkonkludiet li f'dan il-każ ma kienx hemm *'criminal charge'*.

35. Fil-każ tagħna jekk persuna tiġi ordnata tħallas il-penali ta' €10,000 u ma tħallasx, tista' teħel penali ta' €11.65, li wkoll hu dejn ċivili (Art. 10(5) tal-Kap. 291). Il-Qorti lanqas ma taqbel li penali ta' €10,000 (Lm4,293) hi ta' natura severa, meta tqis ukoll li din kienet ovvjament miżura temporanja imposta minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-pandemija tal-COVID-19. Tant kienet miżura temporanja li kif għaddiet il-burraxka li swiet il-ħajja ta' eluf ta' persuni, l-infrazzjoni ma baqgħetx liġi. Ukoll f'każ ta' sejbien ta' ħtija għall-infrazzjoni, ma jkun ta' ebda konsegwenza għall-kondotta tar-rikorrent.

36. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ma japplikax għall-attur fuq il-bażi tal-kliem *'reat kriminali'*.

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-appellanti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn u tvarja s-sentenza appellata billi tħassar dik il-parti li laqgħet l-ewwel, it-tielet, ir-raba' it-talbiet tar-rikorrent u minflok tiċħad l-istess.

Spejjeż tal-ewwel sentenza u tal-appell jinqasmu in kwantu għal tmenin fil-mija (80%) a karigu tal-attur appellat u għoxrin fil-mija (20%) a karigu tal-appellanti l-Avukat tal-Istat.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
jb